MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-21 ta' April, 2006

Numru 48/2006

Raymond Buhagiar
vs
Mario Sciberras, Maria Dolores Camilleri u Three Cats Holdings Limited

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ic-citazzjoni ta' Mario Sciberras u Three Cats Holdings Limited li bih esponew:

Illi Raymond Buhagiar kien talab u ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru fuq imsemmi kontra r-rikorrenti sabiex izomm debituri taghhom u terzi li kienu qed izommu flus jew assi ohra ghalihom milli jghadduhom lilhom;

Illi Raymond Buhagiar kien ottjena l-hrug tal-istess mandat wara li kien gja ottjena l-hrug ta' mandat ta' sekwestru numru 1771/05 ghall-istess ragunijiet;

Illi qabel ma gew elenkati u spjegati d-diversi ragunijiet li ghalihom il-mandat succitat kellu jigi revokat, kien relevanti li ssir referenza ghar-rekwiziti tal-ligi sabiex ikun jista` jinhareg u jinzamm in vigore Mandat ta` Sekwestru kawtelatorju. Sabiex jinzamm in vigore Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju il-Qorti kellha tkun sodisfatta:

(i) Illi r-rikors promotorju kienn fil-forma mehtiega mill-ligi;
(ii) Illi *prima facie* r-rikorrenti kellu dawk il-jeddijiet li ddikjara li kellu kontra l-intimati;
(iii) Illi l-mandat kien mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti.

Ma kienx hemm ghalfejn jinghad illi dawn it-tliet rekwiziti kienu jridu jigu kollha sodisfatti sabiex il-mandat jinhareg u jinzamm in vigore. Kif kien ser jigi muri f'dan ir-rikors ebda minn dawn ir-rekwiziti ma kienu sodisfatti u ghalhekk kienet qed tintalab ir-revoka tal-mandat succitat;

**Ir-Relazzjoni bejn il-Partijiet**

Illi r-rikorrenti Mario Sciberras kien azzjonista maggoritarju fis-socjeta` Three Cats Holdings Limited, liema socjeta` kienet giet iffurmata minn Mario Sciberras u Maria Dolores Camilleri, fejn Mario Sciberras, kien l-azzjonista maggoritarju bi tlett t'elef erba` mija disgha u erbghin (3449) sehem u Maria Dolores Camilleri kienet l-azzjonista minoritarja b'sehem wiehed (1). Mario Sciberras kien l-uniku direttur tal-imsemmija socjeta`;

Illi r-rikorrent Mario Sciberras kien involut fin-negozju ma' Raymond Buhagiar, u Raymond Buhagiar kien business partner tieghu f'diversi attivitajiet. Huma kienu waqqfu wkoll diversi kumpaniji flimkien u fil-fatt it-tnejn li huma kienu diretturi u azzjonisti f'hafna minn dawn is-socjetajiet;

Illi zmien ilu Mario Sciberras kien induna li n-negozju li kien hemm bi shab ma' Raymond Buhagiar ma kienx

baqa' miexi tajjeb, tant li huwa kien iddecieda jwaqqaf in-negozju li kellu ma' Raymond Buhagiar;

Illi wara li kien ha din id-decizjoni Mario Sciberras kien gie ripetutament molestat minn Raymond Buhagiar, u issa Raymond Buhagiar, minghajr qatt ma kien ipprova li ghandu jew kien jista' jkollu xi jedd kontra r-rikorrent Mario Sciberras u Three Cats Holdings Limited, kien qed jivvanta xi pretensjonijiet fuq xi proprjetajiet mhux maghrufa.

Illi qabel dan l-att gudizzjarju Raymond Buhagiar kien gja ottjena provizorjament il-hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni numru 965/04, izda l-istess mandat kien gie revokat wara din l-istess Qorti kienet rat ir-risposta prezentata mir-rikorrent u permezz ta' digriet datat 4 ta' Gunju 2004, kopja ta' liema giet annessa mar-rikors u mmarkat bhala Dok "A", kienet iddecidiet li *"peress li r-rikorrenti ma ghandu ebda jedd fuq il-kumpanijaintimata"* kienet irrevokat id-digriet precedenti taghha u kienet cahdet it-talba.

**Il-Forma tar-Rikors Promotorju**

Illi fir-rikors promotorju b' mod vag u generali l-intimat kien semma bhala kawzali ghalfejn kien intalab il-hrug tal-mandat odjern li kien hemm dovuta lilu s-somma ta' tlett mija u erbghin elf Lira Maltija (Lm 340,000) "*sehem tar-rikorrent ta' prezzijiet ta' proprjetajiet u valur ta' proprjetatijiet li r-rikorrenti kien intitolat ghalihom kif dedott f'citazzjoni nru 1088/05"*;

Illi l-artikolu numru 831 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kien isemmi l-formalitajiet li hemm bzonn li jigu mharsa sabiex issir talba ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju. Is-subartikolu (2) kien jitlob li "*Fir-rikors ghandhom jigu ddikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur";*

Illi r-rikorrenti kienu issottomettew li l-kawzali kif dedotta fil-mandat ma kenitx cara u ma kenitx tinftiehem tant li r-rikorrenti kienu jinsabu f'diffikulta` biex jiddefendu ruhhom.

L-intimat Raymond Buhagiar kien talab biex jikkawtela sehem li ghandu mill-*prezz* u *valur* ta' proprjetajiet. Ir-rikorrenti kienu mfixkla u mahsuba dwar it-tip ta' jedd pretiz, in kwantu l-intimat ma kienx qal li huwa ntitolat ghal sehem fil-proprjetatjiet, izda li kien intitolat ghall-'*prezz'* u '*valur*';

Illi f'tentattiv sabiex jinterpretaw il-kliem tal-intimat, ir-rikorrenti kienu irrilevaw li l-pretensjoni tal-intimat ma kenitx pretensjoni fuq proprjeta` immobbli. F'dak il-kaz kien ikun hemm bzonn ta' prova skritta u li tohrog minn att pubbliku. Din il-prova ma kenitx ingabet u ma kienet saret ebda referenza ghall-ebda att, ghalhekk ir-rikorrenti kienu qed jeskludu din il-possibilta`;

Illi l-pretensjoni tal-intimat kienet trid tkun ghalhekk fuq proprjeta` mobbli. In-natura jew ix-xorta tal-jedd pretiz mill-intimat, in kwantu talba ghal 'prezz' u 'valur' ta' proprjeta`, certament ma kienx wiehed car kif inghad aktar 'l fuq. L-origini tal-jedd pretiz mill-intimat ma kenitx inghatat mill-intimat ghalkemm rikjest mill-ligi. L-intimat l-anqas ma kien semma bhala kawzali li kien qed jitlob xi sehem minn bejgh eventwali ta' proprjeta`, ghaliex kieku kien ikollu jitlob sehem mir-rikavat tal-bejgh. Ghalhekk ir-rikorrenti kienu issottomettew li l-kawzali moghtija mill-intimat ma kenitx korretta ghaliex mohux moghtija moghtija ai termini tal-ligi;

Illi l-intimat l-anqas ma kien isemmi fir-rikors tieghu liema kienu dawn il-*proprjetatijiet*, pero`, kien ivvaluta s-sehem tieghu fihom fl-ammont ta' tlett mija u erbghin elf lira maltija (Lm 340,000). L-intimat ma kien ta l-ebda spjegazzjoni ta' kif kien wasal ghal din ic-cifra konsiderevoli, filwaqt li r-rikorrenti kienu jippretendu li persuna ragonevoli u responsabbli taghti spjegazzjoni u mhux titlob is-sekwestru tal-proprjeta` ta' haddiehor b' mod legger kif kien ghamel l-intimat;

Illi r-rikorrenti ghalhekk talbu lill-Qorti tirrevoka d-digriet taghha tal-14 ta' Novembru 2005 *contrario imperio* minhabba nuqqas ta' kawzali, jew nuqqas ta' kawzali cara hekk kif rikjesta mill-ligi fit-talba ta' Raymond Buhagiar,

liema talba kienet qed issir ukoll ai termini tal-artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Nuqqas ta' Jedd kontra r-Rikorrenti**

Illi l-artikolu 829 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla l-hrug tal-mandati kawtelatorji biss jekk ikun hemm il-htiega li wiehed iqieghed fi zgur il-jeddijiet tieghu.

"*Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija …*"

Illi ghalhekk persuna li titlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju kien irid l-ewwel nett jipprova, jekk biss *prima facie*, l-esistenza ta' jedd kontra l-persuni li fuqhom kien qed jivvanta xi jedd. Jekk dan ma jsirx wahda mill-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi sabiex mandat kawtelatorju jinhareg u jibqa' fis-sehh ma jkunx ezistenti, u l-mandat ma kienx jista' jigi konfermat u kellu jigi revokat;

Illi din kienet ir-raguni ghalfejn il-Ligi kienet trid li persuna li qed titlob il-hrug ta' mandat kawtelatorju tnizzel il-'kawzali' fir-rikors maghmul minnha ghall-hrug tal-mandat. Il-kawzali indikata mill-intimat Raymond Buhagiar ma kienx wiehed car u r-rikorrenti kienu ssottomettew li r-raguni ta' dan in-nuqqas ta' kjarezza kien il-fatt li Raymond Buhagiar ma kellu ebda jedd fil-konfront tar-rikorrenti;

Illi din il-Qorti diga kellha l-opportunita` li tezamina r-relazzjoni legali bejn il-partijiet odjerni u, kif kien jidher mid-dokument 'A' anness mar-rikors, "*peress illi r-rikorrenti ma ghandu ebda jedd fuq il-kumpanija intimata*" din il-Qorti kif dik inhar presjeduta kienet irrevokat il-Mandat ta' Inibizzjoni li kien gie mahrug minn Raymond Buhagiar;

Illi fil-mori tal-proceduri tal-Mandat ta' Inibizzjoni msemmi l-intimat Raymond Buhagiar kellu kull opportunita` u kull dritt li jgib il-prova mitluba mir-rikorrenti izda huwa kien

naqas li jaghmel dan. Flimkien mar-rikors ghall-hrug tal-mandat odjern l-intimat kien rega' kellu l-opportunita` li jgib din il-prova, izda kien rega' naqas milli jaghmel dan. Il-mistoqsija 'Ghalfejn din il-prova ma nghatatx mill-intimat?' kienet inevitabbli;

Illi f'ghajnejn ir-rikorrenti dawn ir-ripetuti mandati kienu qed jintalbu mill-intimat Raymond Buhagiar semplicament sabiex jimmolestja lir-rikorrenti bi pretensjonijiet mhux veritjeri u legalment skorretti. Dan l-agir tal-intimat Raymond Buhagiar ma kienx gustifikabbli u bl-istess mod mhux gustifikat li kien jinzamm fis-sehh il-mandat odjern u ghalhekk ir-rikorrenti kienu qed lill-Qorti sabiex tirrevoka l-mandat odjern a bazi tal-artikolu 836(1)(b) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

**L-ammont mitlub ma kienx gustifikat**

Illi fattur iehor li kien immotiva l-prezentata ta' dan ir-rikors, minghajr ebda pregudizzju ghall-dak li kien inghad aktar 'il fuq, kien li ma kienx jirrizulta li l-ammont mitlub kien *prima facie* gustifikat u dana apparti li l-ammont mitlub kien eccessiv. Dan kien iwassal sabiex dan il-mandat jigi revokat ai termini tal-artikolu 836(1)(d);

Illi l-intimat fir-rikors promotorju kien jindika li l-mandat kien gie mitlub minnu sabiex jikkawtela "*sehem tar-rikorrent ta' prezzijiet ta' proprjetajiet u valur ta' proprjetatijiet li r-rikorrenti huwa ntitolat ghalihom"*. Ir-rikorrenti ma kienux jistghu jifmhu kif l-intimat kien wasal ghas-somma ta' tlett mija u erbghin elf lira maltija (Lm 340,000), indikata bhala biss 'sehem' tal-intimat Raymond Buhagiar. F' dan il-kaz mhux biss l-ammont mitlub ma kienx gustifikat, izda kien inghad ukoll li l-intimat l-anqas kien ipprova jiggustifikah fir-rikors li pprezenta u dan propju ghaliex ma kienx jista' jiggustifikah;

Illi l-intimat Raymond Buhagiar kien naqas ukoll milli jindika ghal liema proprjetajiet kien qed jirriferi, indikazzjoni tal-incertezza kbira tal-intimat stess. Ghalhekk ir-rikorrenti ma kienux f'pozizzjoni li jiddefendu ruhhom fir-rigward ta' dan il-punt u f'dan l-istadju kien qed

jirriservaw li jgibu, jekk ikun il-kaz, aktar provi in sostenn tal-eccezzjoni taghhom li l-ammont mitlub mill-intimat ma kienx gustifikat, u certament kien eccessiv;

**Konkluzjoni**

Illi is-suespost kien iwassal lir-rikorrenti biex iqisu li dan l-Mandat ta’ Sekwestru kien gie intavolat fil-konfront taghhom minghjar ebda bazi fil-fatt u l-anqas fid-dritt u biss biex jghabbi l-pressjoni fuq Mario Sciberras;

Illi din il-Qorti diga kienet appuntat fis-seduta li kienet se tinzamm fis-26 ta’ Jannar 2006 mill-Imhallef Farrugia Sacco numru ta’ referenza 1171/2005 u 1172/2005 zewg rikosi li l-mertu taghhom kien jittratta l-Mandat ta’ Sekwestru 1669/05 u 1771/05 u kien ghalhekk simili ghall-dak tar-rikors odjern;

Ghaldaqstant in vista tar-ragunijiet hawn fuq spjegati r-rikorrenti talbu lill-Qorti joghgobha:

1. Titratta dan ir-rikors b’urgenza tenendo kont ic-cirkostanzi kollha hawn fuq spjegati u, jekk din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, tappunta dan ir-rikors flimkien mar-rikorsi appuntati fis-26 ta’ Jannar 2006;

2. Tirrevoka l-Mandat ta’ Sekwestru numru 1669/05 ai termini tal-artikolu 836(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma ta’ mhux anqas min hames mitt Lira Maltin u mhux aktar minn tlett t’elef Lira Maltin bhala penali u dana ai termini tal-artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

4. Fin-nuqqas li tilqa’ t-tieni u/jew it-tielet talba, tikkundanna lill-intimat sabiex a tenur tal-artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jiddepozita fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-Qorti garanzija xierqa u opportuna biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta’ penali li tista` tigi mposta

u ghad-danni u imghax, u fin-nuqqas tal-intimat, thassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 1669/05.

Bl-ispejjez kontra l-intimat u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Raymond Buhagiar li eccepixxa:

**Ir-Relazzjoni Guridika bejn il-Partijiet u l-Jedd ta' l-intimat kontra Mario Sciberras:**

Illi wiehed mill-argumenti ewlenin fir-rikors tar-rikorrent Mario Sciberras kien li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn il-partijiet u ghalhekk kien hemm nuqqas ta' jedd minn Raymond Buhagiar kontra r-rikorrent. Illi bir-rispett kollu dan l-argument kien wiehed fallaci. Ir-rikorrent, kien ipprezenta l-argumenti tieghu, qishu l-ewwel darba li qatt sema' bil-pretensjonijiet ta' Ray Buhagiar ghal dak li jirrigwarda l-assi tat-Three Cats Holdings Ltd. huwa meta kien ircieva l-mandat kawtelatorju fil-konfront tieghu.

Illi ghalhekk l-intimat kien xtaq jaghmel referenza ghas-segwenti dokumenti annessi mar-risposta (Dok A sa G). Dawn kienu konvenji u kuntratti fejn ir-rikorrent u l-intimat kienu jidhru flimkien bhala diretturi ta' Three Cats Holdings Ltd. sabiex jakkwistaw propjetajiet f'isem is-socjeta` konvenuta. Illi r-rikorrent ma kienx jaghmel referenza ghal dawn id-dokumenti u lanqas ma kien jispjega ghaliex kien jiehu lil Raymond Buhagiar mieghu u jiffirma dawn l-iskritturti privati u kuntratti pubblici.

Illi l-intimat xtaq jaghmel referenza ghall-affidavit tieghu, fejn jispjega li hu fl-1996 kien iffirma abbozz ta' Memorandum and Articles fejn kien hemm miktub li Raymond Buhagiar u Mario Sciberras kienu d-Diretturi ta' Three Cats Holdings Ltd. u kull wiehed kellu hamsin fil-mija ta' l-ishma fil-kumpanija. Diversi snin wara Mario Sciberras kien skopra li dan l-abbozz ma kienx ipprezentat u minnflok kien ipprezentat Memorandum and

Articles iehor fejn ommu Rita Scibberas u ohtu Maria Dolores Camilleri kienu jidhru li huma d-diretturi tas-socjeta` konvenuta. Suggestwentament Mario Sciberras kien lahaq direttur tal-kumpanija minnflok ommu u kien xtara l-ishma taghha.

Illi Mario Sciberras, kien qed jinnega dan l-ahhar biss, li Raymond Buhagiar ma kellux jedd fuq l-assi tat-Three Cats Holdings Ltd. Sa ftit ilu kien qed jirrikonoxxi l-intimat kellu hamsin fil-mija ta' l-ishma tal-kumpanija mertu tal-kawza. Dan il-fatt kien jinstab ukoll f'ittra, datata 12 ta' Lulju 2004, mibghuta minn Mario Sciberras lill-intimat fejn b'mod car u inekwivoku kien jiddikjara dan il-fatt (Dok K).

Illi dawn id-dokumenti wahedhom kienu juru li prima facie, Raymond Buhagiar kellu dawk il-jeddijiet li ddikjara li ghandu kontra l-intimat Mario Sciberras u ghalhekk dan il-mandat ma kellux ikun revokat.

Illi r-rikorrent kien ghamel referenza ghal revoka ta' mandat ta' inibizzjoni numru 965/04, mitluba mill-intimat fil-konfront ta' Mario Sciberras. Illi dan il-mandat kien inhareg fuq Three Cats Holding Ltd. biss. Dawn il-mandati, mertu ta' dan ir-rikors, kienu jikkoncernaw l-azzjonisti direttament, minhabba l-igann li kienu partecipi fih fil-konfront ta' Ray Buhagiar. Ghalhekk l-iskop ta' dak il-Mandat ta' inibizzjoni kien differenti minn dawn il-mandati kawtelatorji.

**Il-Forma tat-talba ghal hrug ta' Mandat Kawtelatorju**

Illi ghal dak li kien jirrigwarda l-forma tat-talba tal-hrug tal-mandat kawtelatorju, l-intimat xtaq jixtieq jigbed l-attenzjoni tar-rikorrent fuq il-fatt li l-Qorti diversament preseduta diga kienet akkordat it-talba ghall-hrug ta'dan il-manadat u bla dubju ta' xejn il-Qorti kienet hadet hsieb li l-forma tat-talba kienet wahda korretta. Jekk dan ma kienx il-kaz certament il-Qorti ma kenitx ikollha problemi sabiex tichad it-talba tal-intimat.

Illi r-rikorrent fir-rikors tieghu kien iddikjara li l-kawzali tal-mandat kawtelatorju kien wiehed vag u generali.

Certament m a kienx necessarju li f'talba ta' mandat kawtelatorju wiehed jispjega fid-dettal, kif kien qed jippretendi r-rikorrent, il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet. Indikazzjoni hija bizzejjed. F'dan il-kaz partikolari l-kawzali certament kienet wahda cara ghar-rikorrent specjalment meta kien hemm tahdidiet bejn il-partijiet fuq din l-istess kawzali ghal diversi snin. Ghal darb'ohra Mario Sciberras kien ried jaghti l-impressjoni li din hija l-ewwel darba li kien qed jisma' dwar il-pretensjonijiet tal-intimat.

Illi l-mandat in kwistjoni certament kien jissodisfa l-elementi ta' l-Artikolu 831(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jistabbilixxi li "*fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament **l-origini** u x-**xorta tal-kreditu** jew **pretensjoni** li wiehed irid iqieghed fiz-zgur*." Kif indikat fit-talba stess, l-origini kien is-sehem ta' Raymond Buhagiar fit-Three Cats Holding Ltd. filwaqt li l-pretensjoni kienet il-valur u l-prezz ta' dak is-sehem ibbazata fuq il-valur ta' l-assi/propjetajiet tat-Three Cats Holdings Ltd.

Illi apparti minn dan kollu, kien hemm ukoll referenza ghac-citazzjoni numru 1088/05, li hija l-kawza tal-intimat li kien ghamel kontra Mario Sciberras, Maria Dolores Camilleri u Three Cats Holdings Ltd. Ma' din ic-citazzjoni kien hemm spjegazzjoni dettaljata tal-pretensjonijiet ta' l-intimat, jekk fil-kaz ir-rikorrent kellu diffikulta` jifhem x'kienu. Pero` dan ma kienx il-kaz ghax ir-rikorrent kien ben konsapevoli tal-pretensjonijiet ta' Ray Buhagiar specjalment meta kien hemm diversi tahdidiet fuq dawn ghal dawn l-ahhar snin.

**Prezz u Valur:**

Illi l-intimat kien qed jitlob il-prezz u valur tal-propjetarjiet li kienu l-assi tat-Three Cats Holdings Ltd. Illi l-intimat qatt ma kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' din il-kumpanija, kif ukoll ir-rikorrent indika lil Ray Buhagiar li kien hemm xi dejn fuq il-kumpanija jew xi ipoteki fuq dawn il-propjetajiet. Illi ghalhekk ma kienx jaf ezattament x'kien hemm u x'ma kienx hemm fuq dawn il-proprjetajiet. L-intimat ghalhekk ma riedx jidhol f'dejn u ipoteki li hu qatt ma kien ta' l-kunsens tieghu ghalihom. Ghalhekk l-intimat kien qed

jibbaza l-pretensjoni tieghu fuq il-prezz u l-valur biss ta' l-assi tas-socjeta` konvenuta u mhux fuq sehemu fuq dawn l-assi.

Illi l-propjetajiet li l-intimat kien qed jirreferi ghalihom kienu dawk il-propjetajiet kollha li kienet akkwistat is-socjeta` konvenuta. Ma kienx hemm fejn wiehed jitfixkel.  Ma' dan ir-rikors kien hemm anness kopji ta' uhud mill-konvenji u kuntratti meta s-socjeta` konvenuta kienet akkwistat dawn il-propjetajiet in kwistjoni u f'dawn l-istess kuntratti Mario Sciberras u Ray Buhagiar kienu jidhru flimkien bhala diretturi tat-Three Cats Holdings Ltd.

**L-ammont ta' Lm340,000:**

Illi l-ammont pretiz kien wiehed gustifikabbli wkoll.  Dan l-ammont kien ikkalkolat fuq il-valur tal-proprjetajiet kollha tat-Three Cats Holdings Limited.  Meta l-ammont globali ta' sitt mija u tmenin elf lira Maltin (Lm680,000) kien stabbilit mill-intimat hu ghalhekk seta' jitlob is-sehem tieghu li huwa nofs dak l-ammont globali, li kien tlett mija u erbghin elf lira Maltin (Lm340,000).

Illi r-rikorrent kien allega li dan l-ammont kien wiehed eccessiv. Illi dan ma kienx minnu ghaliex dan l-ammont kien ikkalkolat fuq cifri li kienu mnizzlin fuq il-konvenji u kuntratti prezentati.

**It-Tielet talba tar-rikorrent:**

Illi t-talba sabiex l-attur ikun ikkundannat ihallas penali ai termini ta' l-Artikolu 836(8)(b) u/jew (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ma kenitx wahda gustifikata.  Illi d-dokumenti prezentati ma' din ir-risposta juru b'mod car li kien hemm gustifikazzjoni valida sabiex jinhareg mandat kawtelatorju fil-konfront ta' Mario Sciberras.  Barra minn hekk ir-rikorrent kien jaf bil-pretensjonijiet ta' Ray Buhagiar, u kien infurmat b'dawn il-pretensjonijiet permezz ta' laqghat bejn il-partijiet kif ukoll permezz ta' ittri ufficjali.

Illi t-talba ta’ l-attur sabiex jinhargu dawn il-mandati kawtelatorji ma kenitx saret b’malizzja jew b’mod frivolu u vessatorja. Illi l-male fede, meta allegata, trid tintwera minn min jallegaha. F’dan il-kaz partikolari r-rikorrent ma kien ressaq l-ebda prova ta’ malizzija min-naha ta’ Ray Buhagiar. Anzi kien sar l-oppost. Id-dokumenti kollha prezentati ma’ din ir-risposta kienu juru b’mod car li kien hemm pretenzjonijiet serji min-naha ta’ Ray Buhagiar, u pretensjoni hija bizzejjed sabiex jinhareg mandat kawtelatorju:

“*non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il-diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in bouna fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola ‘pretensione*’”.

Illi talba ma saritx b’mod frivolu u vessatorju, u dan ghaliex Ray Buhagiar kien ilu zmien twil jipprova ma jigix quddiem din il-Qorti sabiex jiggustifika l-pretensjonijiet tieghu u minflok jasal ghal ftehim bonarju. Pero` meta nduna li ma’ Mario Sciberras ma kienx ser jasal ma kellux triq ohra li jibda proceduri legittimi fil-konfront tieghu, fosthom billi jitlob il-hrug ta’ mandati kawtelatorji.

**Ir-Raba Talba tar-rikorrent:**

Illi fir-rigward ir-raba’ talba, din ukoll ma kenitx wahda valida. Din it-talba, li saret ai termini ta’ l-Artikolu 838A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, kienet tista’ tigi akkolta minn din il-Qorti biss “meta tintwera kawza gusta ghal dan”. Illi bir-rispett kollu fir-rikors tal-konvenut ma kenitx intweriet kawza gusta sabiex Ray Buhagiar jiddepozita garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li kienet tista’ tigi imposta u ta’ danni u imghax. Illi ghar-rigward il-penali, kif kien stabbilit hawn fuq, minn suppost jallega l-male fede ma kien ressaq l-ebda prova li kien hemm xi malizzija min-naha ta’ Ray Buhagiar u li t-talba tieghu kienet frivola u vessatorja.

Min-naha l-ohra ghar-rigward id-danni r-rikors tar-rikorrent ma jistabbilixxix x’danni kien qed isofri u ghal kemm kienu

jammontaw dawn id-danni. L-inqas haga li r-rikorrent kien seta' jaghmel kien li jannetti xi forma ta' prospett mar-rikors tieghu fejn jispjega b'mod car u dettaljat x'danni kien qed isofri minhabba l-hrug ta' dawn il-mandati kawtelatorji. Illi l-Qorti kien irid ikollha linji gwida sabiex timxi fuqhom meta tkun qed tistabblixxi l-ammont ta' garanzija li wiehed ghandu jiddepozita f'dawn il-kazijiet. Dan il-kaz partikolari l-Qorti ma kellha xejn fuq xiex setghet timxi sabiex tistabbilixxi dan l-ammont.

Illi barra minn hekk l-attur Ray Buhagiar minnhabba l-igann ta' Mario Sciberras tul dawn ic-circa sbatax-il sena kien pregudikat finanzjarjament u llum il-gurnata ma kienx f'pozizzjoni jaghmel l-ebda garanzija.

Illi ghal dawn il-motivi l-intimat talab lill-Qorti sabiex ma tilqax it-talbiet tar-rikorrent u zzomm in vigore l-mandati kawtelatorji.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Mario Sciberras li fih semma li kien jinnegozja ghal diversi snin ma' Raymond Buhagiar. Huma kienu azzjonisti f' diversi kumpanji b' interessi varji. Mill-bidu nett tar-relazzjoni taghhom hu ma kienx jafda lil Raymond Buhagiar in kwantu li cirka fis-sena 1989 kien hemm xi flus li gew nieqsin minn Ramco Limited, wahda mill-kumpaniji li kellhom flimkien. Minn dak iz-zmien Raymond Buhagiar ma kompliex jidher bhala firmatarju tal-kumpaniji li kellhom flimkien.

Fis-sena 1996 x-xhud kien iffurma kumpanija biex jahdem fuq livell personali bhala ***business partner*** ma' ommu u ma' ohtu Maria Dolores. Il-hsieb kien li din il-kumpanija gdida, Three Cats Holdings Limited, tahdem fil-qasam tal-

proprjeta`. L-ghan ghalfejn giet iffurmata din il-kumpanija kien li jidderferenzja bejn il-proprjeta` tieghu u tal-familja u l-business.

Ftit wara kien biddel il-hsieb u ddecida li ma jibqax juza l-kumpanija Three Cats Holdings Limited ghar-ragunijiet personali tieghu u tal-familja. Iddecida li juza s-socjeta` Three Cats Limited ghall-business. Dak iz-zmien is-socjeta` Three Cats Limited ma kellhiex assi. Ghalhekk akkwista minghand ommu l-ishma li kellha fis-socjeta` Three Cats Holdings Limited u sar azzjonista maggoritarju fis-socjeta`, u gie appuntat bhala l-uniku direttur. Zied jghid li ma kienx hemm hsieb li Raymond Buhagiar ikun azzjonista tas-socjeta` Three Cats Holdings Limited jew li jkun xi direttur fiha. Cahad li qatt ipprezenta lil Raymond Buhagiar xi abboz tal-Istatut ta' kumpanija Three Cats Holdings Limited fejn ix-xhud u Raymond Buhagiar kienu qed jidhru bhala azzjonisti. Fl-istess zmien gie deciz mis-socjeta` li Three Cats Holdings Limited tibda taghmel negozju mad-diversi kumpanji l-ohra li x-xhud kien direttur u azzjonista fihom, f'liema kumpaniji kien azzjonista flimkien ma' Raymond Buhagiar. Dawn il-kumpaniji kollha, inkluza Three Cats Holdings Limited, kienu jahdmu fi ftehim bejnithom f' negozju fil-qasam tal-bini. Qal li la hu u anqas Raymond Buhagiar, sa fejn jaf hu, qatt ma kellhom xi negozju fil-qasam tal-bini fil-kapacita` taghhom personali. In-negozju dejjem sar minn Three Cats Holdings Limited u/jew mill-kumpaniji l-ohra li fihom hu u Raymond Buhagiar kienu azzjonisti. Ix-xhud dejjem kien l-unika direttur ta' Three Cats Holdings Limited u ghalhekk kien ir-rapprezentant legali tas-socjeta`. Peress li Raymond Buhagiar kien involut fil-kumpaniji l-ohra li kellhom in-negozju in komun ma' Three Cats Holdings Limited, meta kien ikun negozju li fih kellha interess xi socjeta` li fiha Raymond Buhagiar kien azzjonista, ix-xhud kien izomm lil Raymond Buhagiar infurmat b'kull ma jkun qed jigri. Ix-xhud huwa r-rapprezentant legali ta' Three Cats Holdings Limited kien u ghadu firmatarju tal-istess socjeta` u, in generali, Raymond Buhagiar ghalkemm kien ikun prezenti waqt in-negozjati, ma kienx jiffirma l-kuntratti li kienu jorbtu lis-socjeta` Three Cats Holdings Limited. Kien hemm xi drabi wkoll meta fuq negozji partikolari s-

socjeta` Three Cats Holdings Limited appuntat lil Raymond Buhagiar bhala rapprezentant taghha u ghalhekk kien jidher f'dawn in-negozji u jiffirma flimkien max-xhud li kien l-uniku direttur tas-socjeta`. Sostna li Raymond Buhagiar dejjem kien jaf li hu ma kellu ebda sehem fis-socjeta` Three Cats Holdings Limited, u kien jaf ukoll li hu ma kellu ebda jedd fit-tmexxija tas-socjeta` Three Cats Holdings Limited ghaliex l-unika direttur kien ix-xhud. Ftit zmien ilu pprova jkellem lil Raymond Buhagiar sabiex jitterminaw in-negozji li kellhom flimkien u jillikwidaw l-assi tal-kumpaniji li ghandhom flimkien. Xtaq ukoll li jinstab arrangement definittiv rigward in-negozju li kien hemm bejn il-kumpaniji li kellhom flimkien u l-kumpanija Three Cats Holdings Limited. Ma kienx instab arrangement ghaliex Raymond Buhagiar ried li jaqsmu l-assi kollha tal-kumpaniji imsemmija, inkluz billi Three Cats Holdings Limited tillikwida l-assi taghha, u ma jhallsux lill-kredituri tal-istess kumpaniji. Dan ma kienx accettabbli ghax ix-xhud ma riedx jinganna lill-kredituri tal-imsemmija kumpaniji, li jinkludu fost ohrajn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u Kummisarju tal-VAT. Inoltre` ma riedx jesponi ruhu ghall-azzjonijiet kontra tieghu bhala direttur tal-imsemmija kumpaniji minhabba tmexxija hazina.

Semghet bil-gurament lil <u>Mario Sciberras</u> li semma li wara hu u Raymond Buhagiar kienu ghamlu xi kumpaniji bejniethom izda wara l-1989 kien inqala' xi inkwiet. Qal li Raymond Buhagiar kellu dejjem ***limited powers*** fil-kumpaniji. ***Limited powers*** ifisser li Raymond Buhagiar ma kienx jista' jiffirma cekkijiet, u kien jiffirmahom Sciberras, li bhala professjoni huwa ***accountant***. Ikkonferma li fil-bidu fi Three Cats Limited ix-***shareholder*** ma kienx ix-xhud izda l-mama` tieghu u ohtu. L-iskop ghaliex kienet saret originarjament Three Cats Limited kienet biex iwaddab il-propjeta` personali tieghu b'mod anke ghall-familja tieghu. F'dak l-istadju Raymond Buhagiar ma kien jidhol f'xejn. Mistoqsi mill-Qorti ghaliex ma kienx azzjonist fil-bidu minhabba li kellu parir li jekk il-kumpanija fil-bidu tkun ta' ommu allura tigi tidher bhala donazzjoni. Sakemm kien hemm ommu fiha l-kumpanija qatt ma ghamlet l-ebda ***trading***. Peress li ried li jagixxi flimkien ma' Raymond Buhagiar fl-1996 u kellu din il-

kumpanija li kienet qeghda ***dormant***, iddecida li jipprova juza lilha. Gie mistoqsi jekk hux veru li l-kumpanija giet registrata f'Settemrbu 1996 u li allura hu biddel id-decizjoni fuqha daqshekk malajr, irrispondi li jaf li l-kuntratt sar wara l-kumpanija pero` d-data meta giet registrata ma kienx jafha, izda qabel li l-kumpanija giet registrata fl-1996.

Raymond Buhagiar ma kellu ebda sehem fil-kumpanija. Raymond Buhagiar kien jidher minhabba l-interess li kellu fil-kumpanija l-ohra. Ix-xhud ikkonferma li hu seta' jidher ghan-nom tal-kumpaniji l-ohra. Li kien jidher Raymond Buhagiar kien illi hu jkun jaf x'qed jigri peress li hu kien direttur tal-kumpaniji l-ohra. Cahad li matul dawn is-snin kollha x-xhud x'jifhem lil Raymond Buhagiar li hu ghandu sehem fil-kumpanija. Huma kienu jiddeciedu min ha jidher fuq il-kuntratt ghan-nom tal-kumpanija. Fejn kienu jidhlu flus allura fuq bejghijiet, fuq l-operat ta' Three Cats, il-flus kienu jmorru bhala ***working capital*** tal-kumpaniji l-ohra kif ukoll ta' Three Cats. Il-kumpaniji l-ohra ma kellhomx sehem fi Three Cats. Cahad li lil Raymond Buhagiar qallu li ghandu ***fifty fifty*** tal-kumpaniji kollha inkluz ta' Three Cats. Ikkonferma li l-ittra a fol 59 tal-process baghatha hu. Il-kumpaniji l-ohra li ghandhom huma xoghol ta' construction, ta' aluminium, ta' ***gypsum***, relatati mal-***construction***. Ix-xoghol ta' Three Cats Holdings Limited kien xiri u bejgh ta' proprjeta`. L-ownerships fil-kumpaniji l-ohra huma li jkunu dejjem ***fifty fifty*** u hekk kienu hlief meta kien hemm xi ***third parties*** involuti. Three Cats originarjament kien hemm omm ix-xhud u ohtu, u llum illum il-gurnata hija tieghu biss. L-iskop ta' Three Cats kienet li tiffinanzja l-kumpaniji l-ohra. Il-pagament li kienet tiehu Three Cats kien ikun riferibbli ghax-xoghol tal-kumpaniji l-ohra.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Maria Dolores Camilleri</u> li fih semmiet li cirka fis-sena 1996 kellimha huha Mario Sciberras li nfurmaha li kien ser jifforma kumpanija gdida u talabha biex tkun azzjonista, u hi kellu jkollha sehem wiehed biss. Hi ma ftakritx x'kien il-ghan tal-kumpanija. Kompliet tghid li hi ma kellha x'taqsam xejn max-xoghol tal-kumpanija. Hi qatt ma kienet partecipi fit-tmexxija tal-

kumpanija u qatt ma kienet direttur. Qalet li minn meta giet iffurmata l-kumpanija sakemm irceviet kopja tal-Mandat ta' Sekwestru hi ma kienet taf xejn dwar ix-xoghol tal-kumpanija u t-tmexxija taghha, u hi qatt ma rceviet xi ittra jew interpellazzjonijiet minghand Raymond Buhagiar. Sostniet li hi qatt ma hallset jew thallset ebda flus minn Three Cats Holdings Limited.

Rat li gie prezentat affidavit ta' Raymond Buhagiar li fih semma li ghal bosta snin kien jinnegozja flimkien ma' Mario Sciberras, u kienu bdew fl-1989. Huma kienu socji azzjonisti f'diversi kumpaniji, li jinkludu Ramco Ltd., Omega Industries Ltd., Ascot Aluminium Ltd., Applied Technology Ltd., Thyme Holding Ltd., Interior Technologies Ltd., Eskander Trading Companies Ltd. u Sun Aliminium and Metal Work Company Ltd. Fl-1996 Mario Sciberras kien irrakkomandalu biex flimkien iwaqqfu kumpanija ohra bl-ghan socjali li tahdem fil-qasam tal-proprjeta`. Dak iz-zmien hu kien qabel mal-ideja, bil-patt u kundizzjoni li hu u Mario Sciberras ikollhom ishma ugwali fis-socjeta` meta tigi kostitwita. Wara li lahqu l-qbil Mario Sciberras kien ipprezentalu ***Memorandum and Articles*** tas-socjeta` konvenuta 'Three Cats Holdings Limited', fejn fih kien stabbilt li hu u Mario Sciberras ghandhom hamsin fil-mija ta' ishma kull wiehed. Wara li ra dan id-dokument kien acceta li din is-socjeta` ghandha tigi kostitwita regolarment u registrata mal-awtoritajiet kompetenti. Mario Sciberras wahdu ha hsieb ir-registrazzjoni ta' din is-socjeta`. Sciberras qatt ma ghaddielu kopja tal-Memorandum and Articles li kien iffirma izda peress li kien jafdah qatt ma staqsieh ghal kopja. Sciberras kien jiehu hsieb l-***accounts*** tal-kumpaniji. Sciberras kien jiehu hsieb l-ammistrazzjoni tal-kumpaniji waqt li Sciberras kien jiehu hsieb ix-xoghol fuq barra l-ufficju, jigifieri jinnegozja ma' terzi persuni. Meta s-socjeta` Three Cats Holding Ltd. kienet giet iffurmata, bdew jakkwistaw proprjetajiet tramite din il-kumpanija.

Zied jghid li sa ricentament kien taht l-impressjoni li kien azzjonista fl-ammont ta' hamsin fil-mija (50%) fis-socjeta` Three Cats Holdings Ltd. Minhabba din l-impressjoni li kellu minn zmien ghal zmien kien jawtorriza li s-socjetajiet

fuq indikati jippartecipaw fl-investiment ta’ din is-socjeta`. Barra minn hekk kien mitlub minn Mario Sciberras jidher fuq numru ta’ konvenji u atti ta’ trasferiment u kien jiffirma flimkien ma’ Mario Sciberras ghan-nom u raprezentanza tas-socjeta`. Hu kien imur ma’ Mario Sciberras ghax dejjem kien taht l-impressjoni li kellu hamsin fil-mija ta’ l-ishma. Fil-fatt in-nies ma’ min kienu jinnegozjaw u n-Nutara li kienu jidhru quddiemhom kollha kienu jafuh bhala d-direttur tat-Three Cats Holdings Ltd. u li kellu hamsin fil-mija ta’ l-ishma.

Fl-2001 Mario Sciberras wera x-xewqa li ma jkomplix jahdem max-xhud fil-kumpaniji kollha u meta staqsieh ghaliex qallu li ghax xeba’ u hu ma kellux problemi max-xewqa tieghu. Qal li Sciberras qatt ma qallu li ried jispicca jahdem mieghu ghaliex il-kumpaniji kienu sejrin hazin. Ghalhekk ftehmu li jibdew izarmaw il-kumpaniji u jbieghu l-assi taghhom inkluzi l-propjetajiet ta’ Three Cats Holding Ltd. Ftehmu wkoll li meta jigu biex ibieghu l-assi, l-ewwel jistaqsu lil xulxin jekk ikunux interessati jakwistaw l-assi huma stess qabel ma jbieghu lil terzi persuni. Sadanitant Mario Sciberras xorta kellu jiehu hsieb l-ammistrazzjoni tal-kumpaniji li kellhom flimkien. Wara x-xhud sar jaf li sussegwentament Mario Sciberras beda jbiegh diversi proprjetajiet tas-socjeta` konvenuta u jkompli jinnegozja l-proprjeta` f’isem is-socjeta` konvenuta u dan minghajr ma jaghti rendikont lilu ta’ x’qed isir mir-rikavat li jsir minn tali bejgh u negozju. Qal li meta s-socjeta` Three Cats Holdings Ltd. kienet takkwista proprjeta` dejjem kien jidher ix-xhud Buhagiar bhala direttur ta’ Three Cats Holdings Ltd. Meta s-socjeta` giet biex tbiegh l-assi taghha Mario Sciberras qatt ma staqsieh biex jakkumpanjah ghall-kuntratt finali.

Bejn l-2002 u 2004, bdew jiguh suspetti fuq Mario Sciberras u fuq kif kien qed jiggestixxi l-kumpaniji kollha li kellhom flimkien inkluza s-socjeta` Three Cats Ltd. Qal li mill-1989 sa llum qatt ma rcieva xi rikavat ta’ profitti mill-ebda kumpanija. Ghalhekk beda jaghmel pressjoni fuq Sciberras li qallu li profitti wara dawn is-snin kollha ma kienx hemm. Ix-xhud mar l-MFSA u skopra li hu mhux direttur tas-socjeta` konvenuta u li m’ghandux hamsin fil-

mija tal-ishma. Skopra li fl-1996 meta x-xhud iffirma abbozz tal-***Memorandum and Articles*** tat-Three Cats Holdings Ltd. Sciberras ma pprezentax dan id-dokument li mar-Registrar of Companies. Minflokk ipprezenta ***Memorandum and Articles*** fejn jidhru ommu Rita Sciberras u ohtu Maria Dolores Camilleri, bhala l-azzjonisti tas-socjeta`. Ommu kellha erbgha mija u disgha u disghin sehem, waqt li ohtu kellha sehem wiehed. Skopra wkoll li fit-12 ta' Dicembru 1996 ommu rrizenjat minn direttur ta' l-istess kumpanija u minflok inhatar Mario Sciberras u li dan fit-28 ta' April 2000 akkwista s-sehem kollu li kellha ommu Rita Sciberras u ghalhekk sar l-azzjonijista maggoritarju tas-socjeta`. Mario Sciberras zied il-kapital tal-kumpanija u akkwista, tlett elef sehem fis-socjeta` konvenuta. Sostna li hu ma kien jaf b'xejn minn dan u dejjem baqa' jahseb li kellu 50% tal-ishma, u li Mario Sciberras, permezz ta' ittra tat-12 ta' Lulju 2004 ammetta mieghu li kellu 50% ta' l-ishma. Qal li Sciberras allega wkoll li minkejja li huma ghandhom 50% ix-xhud ftiehem mieghu li ma jidhirx fil-***Memorandum and Articles*** tas-socjeta` minhabba problemi li kellu mal-Bank of Valletta, u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kien ikollha diffikulta` tircievi facilitajiet mill-Bank, izda hu cahad dan kollu.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET U KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk irrizulta li s-socjeta` Three Cats Holdings Limited kienet giet iffurmata minn Mario Sciberras u Maria Dolores Camilleri, fejn Mario Sciberras, kien l-azzjonista maggoritarju bi tlett t'elef erba` mija disgha u erbghin (3449) sehem. Mario Sciberras kien l-uniku direttur tal-imsemmija socjeta` u l-istess Mario Sciberras kien involut fin-negozju ma' Raymond Buhagiar, liema Raymond Buhagiar kien ***business partner*** tieghu f'diversi attivitajiet. Inqala' l-inkwiet bejnithom. Dwar id-djun tal-kumpanija din hi limitata kif imsemmi fl-artikolu 5 tal-Istatut tal-kumpanija Three Cats Holdings Ltd li jghid "***The liability of the members is limited in the case of each member to the amount if any, unpaid on the share or shares in the Company which he holds***".

Illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw ir-rikors taghha fl-ewwel lok a tenur tal-paragrafi (b) u (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi illi:

836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda tittratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:

(b) li wahda mill-htigijiet tal-Ligi ghall-hrug tal-Att Kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti.

(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

Issa, kif inghad minn din il-Qorti, kif diversament ippreseduta fil-kawza "**Camilleri vs Gove` et**", deciza fl-10 ta' Mejju, 2001, fuq rikors numru 286/01,:

"li mid-disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' ***prima facie***, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."

Illi l-iskop ta' mandat kawtelatorju huwa li persuna tikkawtela d-drittijiet gja ezistenti taghha u mhux li tiggarantixxi d-drittijiet potenzjali futuri taghha. Dan johrog car minn qari tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza fis-27 ta' Novembru, 1991 fejn inghad:

"id-dritt ta' kawtela – cioe` d-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li – jista' jigi kawtelat. Dawn (id-

dritt procedurali u d-dritt sostanzjali) huma zewg drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa d-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat". Illi ghalhekk il-kwistjoni kollha hija li ma "tikkonfondix il-kuncett ta' kawtela ma' dik ta' garanzija ta' drittijiet".

Mario Sciberras sostna li l-kawzali kif dedotta fil-mandat mhix cara u ma tinftehimx tant li jsostni li hu mahsub dwar it-tip ta' jedd pretiz. Bl-istess mod dan hu sostnut mis-socjeta` Three Cats Holdings Limited. L-artikolu 839 tal-Kap 12 isemmi l-formalitajiet necessarji u fis-subartikolu 2 tieghu jipprovdi li fir-rikors ghandhom jigu dikjarati bil-gurament l-origini u x-xorta tal-kreditu jew pretensjoni li wiehed ikun irid iqieghed fiz-zgur …

Illi Raymond Buhagiar bhala kawzali semma sehem tar-rikorrent ta' prezzijiet ta' proprjetajiet u valur ta' proprjetajiet li r-rikorrent huwa intitolat ghalihom kif dedott f'Citazzjoni Numru 1038/05FS. Fil-fehma tal-Qorti dan kollu jirrendi car bizzejjed biex ikopri d-dettami tal-ligi u l-istess Mario Sciberras u s-socjeta` Three Cats Holdings Limited jifhmu sufficjentement l-origini u x-xorta tal-kreditu vantat u ghalhekk tichad it-talbiet tar-rikorrenti taht dan l-aspett.

L-imsemmija Sciberras u Three Cats Holdings Limited sostnew li l-ammont mitlub mhux gustifikat. Kif semmiet fuq din il-Qorti, hawn wiehed qieghed jittratta l-aspetti involuti b'mod ***prima facie*** ghax il-mertu tal-kwistjoni sejjer jigi approfondit fil-kawza msemmija. Irrizulta pero` ***prima facie*** li hemm diversi pretensjonijiet tal-partijiet kontra xulxin u li l-Qorti tifhem ghaliex Raymond Buhagiar hass opportun jitlob l-ispedizzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru. Il-kontenzjoni ta' Buhagiar hija li Lm340,000 jirrapprezentaw nofs is-somma ta' Lm680,000 u cioe` sehemu mill-valur ta' proprjetajiet kollha ta' Three Cats Holdings Limited. L-imsemmi Buhagiar ipprezenta diversi dokumenti u kopji ta' konvenji u kuntratti li jindikaw dan. Dan iwassal biex fil-fehma tal-Qorti tichad it-talba ta' Mario

Sciberras u Three Cats Holdings Limited ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru 1669/05.

Stante li t-talba ghar-revoka mhux qed tigi milqugha ma jaghmilx sens li tigi milqugha t-talba ghall-penali u ghalhekk tichad ukoll din it-talba.

Riferibbilment ghat-talba tal-imsemmija Sciberras u Three Cats Holdings Limited ghall-kundanna sabiex a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap 12 il-Qorti tordna lil Buhagiar biex jiddepozita fi zmien qasir u perentorju garanzija xierqa u opportuna biex taghmel tajjeb ghall-hlas ta' danni u imghax u li fil-kaz tnehhi l-Att Kawtelatorju, il-Qorti thoss li din hi parzjalment gustifikata u ghalhekk timponi fuq Raymond Buhagiar biex sal-5 ta' Mejju 2006 jipproduci garanzija ghall-ammont ta' Lm170,000.

Spejjez tal-prezenti procedura a karigu ta' Mario Sciberras u Three Cats Holdings Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------